**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 1051/2014**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-Vs-**

**DAVID-JOHN CALLEJA**

**Illum, 24 ta' April 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **DAVID-JOHN CALLEJA,** ta' 30 sena, bin bin Andrew u Melanie nee' Grech imwieled ġewwa Rabat Għawdex, nhar is-7 ta' Awwissu 1984, residenti ġewwa Saint Paul's Mansions, Flat 3A, ix-Xatt Ta' Xbiex, Ta' Xbiex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 29484G, akkuzat talli nhar il-25 ta' Ottubru 2014 għall-ħabta ta' 16:30hrs u fis-siegħat ta' wara, ġewwa Tas-Sliema:-

1. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħhom jew li

jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, ***u da bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

2. Aktar talli l-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi; attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx bħala vjolenza pubblika, kontra persuni nnkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu għal-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti, ***u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

3. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi; mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jqiegħed il-ħajja ta' PC 840 Roderick Joseph Psaila f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' PC 840 Roderick Joseph Psaila, liema ħsara hija ta' natura ħafifa, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Kyle Flores Martin, ***u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

4. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ħebb kontra diversi uffiċjali tal-Pulizija, sabiex tinġujaħ, idejjaqhom jew tagħmlilhom ħsara.

5. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ***u dan bi ksur tal-Artikolu 388(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

6. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'xi mod ieħor ***u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

7. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi: ma obdiex l-ordinijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, ***u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

8. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu ***u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

9. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bezq xi sustanza jew neħħa maħta mill-imnieħer, jew ħalla jew iddepożita exkreta materjali tal-bniedem, inkluż vomtu jew ħalla jew iddepożita xi exkreta materjali ta' l-annimali fuq jew għal fuq xi triq jew xi post pubbliku, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, u/jew dan id-depożitu jew tħollija ma kienx awtorizzat b'liġi ***u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

10. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament qal kliem oxen kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ***u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

11. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħsieb, waddab jew xehgħet ilma jew hwejjeġ oħra maħlula jew ħmiġijiet fuq il-persuna ta' PC 840u PC 729 ***u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

12. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u jew ta' persuni jew entitajiet oħra, ***u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

13. Aktar Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla Honda Civic bin-numru ta' reġistrazzjoni JAZ444, bi traskuraġni u/jew b'mod perikoluż u bla kont ***u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;***

14. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirlostanzi irrifjuta jew naqas milli jagħti kampjun ta' nifs tiegħu wara li kien avzat li dak in-nuqqas jew rifjut kien reat ***u dan bi ksur tal-Artikolu 15(e)4 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;***

15. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura jew pprova ssuq jew kwllu fil-kontroll tiegħu vettura ta' għamla Honda Civic bi numru ta' reġistrazzjoni JAZ444 fi triq jew f'post pubbliku ieħor meta ma kienx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi ***u dan bi ksur tal-Artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;***

16. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura u naqas li zzomb ma' naħa ta' xellug ta' triq jew naqas li jagħmel sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni ***u dan bi ksur tal-Artikolu 74 tal-L.S 65.11;***

17. Aktar talli bejn 27 ta' Jannar 2012 u l-25 ta' Ottubru 2014 f'dawn il-gżejjer, naqas milli jirrapporta lill-uffiċjal awtorizzat mingħajr dewmien, li xi waħda mill-partikolaritajiet li tinsab fil-karta ta' l-identita' tiegħu u ċioe l-indirizz tal-lok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment jorqod kif preskritt f'Artikolu 5(2)(b) ta' Kap 258 tal-Liġijiet ta' Malta, ma baqatx aktar korretta u kifukoll naqas li jagħti dak it-tagħrif kollu meħtieġ ***u dan bi ksur ta' Artikolu 9 ta' l-Att Dwar il-Karta ta' l-identita, Kap 258 tal-Liġijiet ta' Malta.***

F'kaz ta' ħtija ta' l-mputazzjoni numru 17, il-Qorti hija mitluba tordna lill-imputat David-John Calleja iħallas €11.65 għal kull ġurnata li matulha jitkompla r-reat u dan kif maħsub f'Artikolu 14(1) ta' l-Att Dwar il-Karta ta' l-identita, Kap 258 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' ħtija, l-imsemmi David-John Calleja jħallas lil parti offiza dak l'ammont ta' flus li jista jiġi stabbilit mil-Qorti f'dik id-direttiva bħalla

kumpense għal dak it-telf kif imsemmi jew għad-danni jew ħsara kaġunata permezz tar-reat.

Il-Qorti hija mitluba illi tiskwalifika lil David-John Calleja milli jkollu jew milli jikseb ebda liċenzja tas-sewqan għal dak it tul ta' żmien li jidrilha xieraq.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati għall-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-4 ta' Ottubru 2021 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 95; 221(1); u 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu; 214; 215; 221(1) u 222(1)(c) tal-Kapitoli 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fir-Regolament 4 referibbli għall-paragrafu (e) tal-Ewwel Skeda tal-Avviż Legali 344/2005 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. Fl-artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
11. Fl-artikolu 339(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
12. Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
13. Fl-artikolu 15(1)(a)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
14. Fl-artikoli 15B(1)(2)(a)(b)(c)(d); 15H(1)(a)(b)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
15. Fl-artikoli 15A(1)(2); 15B(1)(2)(a)(b)(c)(d); u 15H(1)(a)(b)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

16. Fir-regolament 75 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-traffiku;
17. Fl-artikoli 5(2)(b); 9(1)(2); u 24 tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta;
18. Fl-artikoli 17; 31; 382A; 383; 384; 385; 386l 412C; 412D; 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2021 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat illi hija ġiet eżentata milli terġa' tisma' x-xhieda li diga' xehdu quddiem il-Qorti meta kienet diversament preseduta;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation[1] li ġie inkarigat iħejji rapport dwar iċ-ċirkostanzi personali u soċjali tal-imputat, skont digriet mogħti fit-30 ta' Mejju 2022;

Semgħet ix-xhieda tal-imputat David John Calleja fis-seduta tal-15 ta' Frar 2023;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tal-20 ta' Marzu 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

[1] Donnalise Camilleri, xhieda tal-15 ta' Diċembru 2022.

Is-segwenti huwa sunt tax-xhieda l-iktar saljenti li ressqet il-Prosekuzzjoni f'din il-kawża, liema sunt huwa meħtieġ in vista tal-fatt li d-determinazzjoni dwar il-ħtija o meno tal-imputat dwar bosta mir-reati addebitati minnu tistrieħ fuq l-element tal-kredibbilita'.

**PC 840 Roderick Joseph Psaila** xehed[2] illi huwa kien miexi flimkien ma' PC 1398 viċin il-lukanda Preluna f'Tas Sliema fejn innota lill-imputat David John Calleja għaddej bil-vettura tat-tip Honda fejn baqa' ħiereġ minn kantuniera "*gas down*". Għalhekk hu u PC 1398 xegħlu s-sirena u l-*beacon lights* biex iwaqqfuh iżda minflok waqaf, l-imputat żied il-veloċita' u mar kontra l-*flow* tat-traffiku u mbagħad reġa' daħal. Ix-xhud qal li dan kien ser joħloq inċident tat-traffiku. Meta l-imputat wasal viċin il-mini ta' Tigne, kien hemm żewġ muturi tal-Pulizija tat-Traffiku għaddejjin u dawn xegħlu s-sireni, mutur fuq quddiem u l-ieħor fuq wara u l-imputat waqaf eżatt barra Tigne'. X'ħin l-imputat waqaf, hu mill-ewwel induna li l-imputat kellu riħa ta' xorb ġejja minn ħalqu u li kien taħt l-effett tal-alkoħol anke minħabba beda miexi jixxengel laġenba, fuq il-lemin u fuq ix-xellug u jserraħ mal-vettura biex ikun jista' jkellem lill-Pulizija. L-imputat qallu li hu kien ra lill-Pulizija iżda ma kellux fejn jieqaf. Iżda skont ix-xhud, hemm żewġ *bus stops* fit-triq bejn il-Preluna u fejn waqaf l-imputat. Qal ukoll li PC 328 beda jkellem lill-imputat b'mod edukat u dam iktar minn għaxar minuti jkellmu u infurmah li jrid jagħmel il-*breathalyser*. Madankollu l-imputat beda jgħid li għandu kull dritt ma jagħmlux, fejn PC 328 qallu li jekk ma jaċċettax jagħmel dan it-test, jiġi jitqies awtomatikament bħala ħati li kien qed isuq taħt l-effett tal-alkoħol. Ix-xhud kompla jgħid illi peress li l-imputat kien taħt l-effett tal-alkoħol u ma kienx fi stat li jsuq il-vettura tiegħu, kien ta' perikolu għas-soċjeta'. Dak il-ħin il-Pulizija tat-Traffiku kellhom jitilqu minn fuq il-post minħabba impenji oħrajn u ġiet tassistihom PS 215 flimkien ma' PC 729 Kevin Decelis fejn is-Surġent infurmat lill-imputat biex jagħmel il-*breathalyser test* fl-Għassa tal-Pulizija iżda baqa' jinsisti li għandu jedd ma jagħmlux. Is-Surġent qaltlu li jekk ma jagħmlux jitqies li huwa ħati u jekk ma jiġix l-Għassa sejrin jinħarġu akkużi fil-konfront tiegħu. Is-

[2] Xhieda tad-19 ta' Novembru 2014.

Surġent qaltlu wkoll biex iċempel xi ħbieb jew membri tal-familja biex jiċċaqalqu l-karozza tiegħu peress li ma kienx fi stat li jsuq hu. Hawnhekk l-imputat, x'ħin sema' dan il-kliem, qalilha: "*min taħseb li int? Ja qaħba, ħa notqollok il-familja u ħa ntelliflek xogħolok*" u "*ma tafx min huwa missieri u min jiena*". X'ħin is-Surġent rat il-mod kif kien qed jaġixxi l-imputat, ordnat l-arrest tiegħu iżda x'ħin marru biex jarrestawh, l-imputat beda jirreżisti l-arrest u bejn tliet Pulizija tahom kedda biex jarrestawh. Wara ħafna tenattivi, irnexxielhom jarrestaw lill-imputat u bil-manetti wara dahru tefugħ fil-vettura tal-Pulizija wara s-seat tal-passiġġier u saqu lejn l-Għassa: hija l-proċedura li ma jqegħdux persuni arrestati wara x-xufier.

Ix-xhud kompla jispjega illi l-imputat intelaq lura fuq dahru fil-vettura u beda jagħti bis-sieq lix-xufier PC 729 Kevin Decelis minn bejn is-seats. Minħabba f'hekk, PC 729 kellu b'id waħda jipprova jżomm sieq l-imputat u bl-id l-oħra jsuq il-vettura u b'hekk ma kellux kontroll sħiħ tal-istess vettura. Ix-xhud fisser li huwa pprova jżomm lill-imputat u jitfgħuh lura f'postu billi jżommu minn sidru u kien hawnhekk li l-imputat gidmu l-ewwel gidma f'idejh u mbagħad kif telaqlu idejh, l-imputat beda jagħti b'wiċċu mal-ħġieġa tal-vettura fejn f'ħin minnhom ħareġ ħafna demm u ċappas il-ħġieġa. Meta x-xhud ra hekk beda jipprova jwaqqaf lill-imputat milli jkompli jagħmel dan il-moviment, fejn l-imputat dar lejh u beda jobżoq lilu, lix-xufier u lis-Surġent u reġa' ntelaq fuq daharu u reġa' beda jagħti bis-sieq bejn is-seats tal-karozza. Dak il-ħin is-Surġent ordnat lix-xufier biex jieqaf isuq u hi flimkien max-xufier ħarġu mill-vettura, iżda x'ħin ix-xhud kien ħiereġ mill-vettura, l-imputat dar lejh u beżaqlu "*fuq rasi sa isfel*". Meta x-xhud ipprova jżomm b'idejh id-distanza bejnu u l-imputat, l-imputat gidimlu idejh u qaċċatlu biċċa mil-laħam u ma riedx jitilqu. X'ħin imbagħad kienu kollha barra mill-vettura, filwaqt li x-xhud ċempel għall-ambulanza u għall-assistenza tar-Rapid Intervention Unit, l-imputat ipprova jaħrab minn ġol-karozza billi b'xi mod irnexxielu jiftaħ il-bieba u waqa' mal-art; hemmhekk PC 1398 u PC 729 żammewh mal-art. X'ħin ix-xhud, PC 1398 u l-imputat kienu fl-ambulanza, l-imputat qal dan il-kliem: "*irrid inkun naf min huma dawn il-l*** Pulizija*".

Ix-xhud xehed ukoll illi minħabba l-gidma f'idu, kellu jieħu ġimagħejn leave minħabba *injury on duty* u ma setax jidħol għax-xogħol. Imbagħad kull erba' ġimgħat kellu bżonn imur il-klinika biex idewwulu l-ferita; kellu suba' li ma setax iċaqlaqha[3]. Ix-xhud ikkonferma wkoll li huwa stess kien ġibed filmat[4] meta kienu ġew biex jarrestaw lill-imputat sakemm waslet is-Surġent fuq il-post.

**PC 729 Kevin Decelis** xehed[5] illi fil-25 ta' Ottubru 2014 għall-ħabta tas-7.15 a.m. ġie infurmat minn PS 215 li xi kollegi kellhom bżonn assistenza Tigne Point għaliex kienu waqfu vettura Honda u s-sewwieq ma bediex jikko-opera magħhom. Hu mar mas-Surġent fuq il-post u sab lill-kollegi jkellmu lill-imputat, David John Calleja li ma bediex jikko-opera magħhom. David John Calleja beda jgħid illi l-Pulizija kienu waqqfuh għal xejn u kien qed jargumenta mal-uffiċjali l-oħra tal-Pulizija li kienu fuq il-post. Qal illi dak il-ħin l-imputat ma kienx qed jirreżisti iżda meta sema' lis-Surġent tgħidlu li jrid jagħmel *breathalyser test* għaliex kellu riħa qawwija ta' alkoħol u ma jistax isuq f'dak l-istat, huwa rrifjuta. Ix-xhud innifsu xamm riħa qawwija ta' alkoħol u sema' wkoll lill-imputat jgħajjar lis-Surġent "*bitch*" u beda jargumenta magħha u s-Surġent tathom ordni biex jarrestawh[6]. Beda wkoll jirreżisti l-arrest iżda meta rnexxielhom ilibbsuh il-manetti, l-imputat beda joffendi lill-uffiċjali kollha li kien fuq il-post, dak il-ħin kien hemm hu, is-Surġent, PC 840 u PC 1398 u qalilhom li ser itellifhom il-post tax-xogħol tagħhom.

Ix-xhud xehed ukoll li meta kienu fil-vettura sejrin lejn l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, fejn kien qed isuq huwa stess, l-imputat beda jgħajjat fil-karozza u beda jipprova jdur biex jiftaħ il-bieba, beda wkoll jagħti bis-sieq u peress li hu kien qed isuq, l-imputat beda jolqtu fil-ġenb. PC 840 beda jipprova jżommu biex huwa jkun jista' jibqa' jsuq iżda l-imputat beda jipprova jagħti b'rasu mal-ħġieġa biex ikissirha u biex b'hekk jipprova jaħrab. Dak il-ħin l-imputat infaraġ u mbagħad beda jobżoq id-demm lejn l-uffiċjali kollha fil-vettura inkluż lejh, u hu ma setax jikkontrolla l-vettura

---

[3] Ara dokumenti JS5 folio 19; RJP1 u RJP3, folio 43, 45.

[4] Filmat fuq CD Dok. JP4, folio 46. Ara wkoll relazzjoni Dok. SFS, fol. 132 *et seq*. Ara wkoll ritratti meħuda mill-istess PC 840 – fol. 143 sa 152 (Dok. C u Dok. D formanti parti mir-relazzjoni Dok. SFS).

[5] Xhieda tat-3 ta' Settembru 2015. Ix-xhud reġa' xehed fl-24 ta' Settembru 2018 u fil-15 ta' Mejju 2019.

[6] Xhieda ta' PC 729 Kevin Decelis, 24 ta' Settembru 2018.

u kellu jieqaf u ħarġu lkoll mill-vettura għajr għal PC 840 li baqa' fil-vettura flimkiem mal-imputat. Hawnhekk is-Surġent talbet għall-assistenza ta' ambulanza u tar-Rapid Intervention Unit u sadanittant, waslet l-ambulanza u ħadet lill-imputat l-Isptar. Ix-xhud ikkonferma li huwa ġarrab ħsara fl-uniformi tiegħu għaliex kellu l-qmis u l-qalziet kollha mċappsin bid-demm u xehed ukoll li huwa ra li l-imputat gidem lil PC 840 f'idejh liema gidma ġarrabha waqt l-imsemmi uffiċjal kien qed jipprova jikkalma lill-imputat. Imbagħad l-imputat irnexxilu jimbotta l-bieba u b'id waħda fetaħ il-bieba tan-naħa l-oħra, waqa' mal-art u PC 1398 mar biex iżommu mal-art sakemm waslet l-ambulanza.

**PC 1398 John Spiteri** xehed[7] illi fil-25 ta' Ottubru 2014 hu flimkien ma' PC 840 kienu qegħdin fil-karozza tas-servizz patrol ġewwa Tower Road, Sliema fid-direzzjoni ta' Tigne, fejn innotaw vettura tinstaq 'l hemm u 'l hawn b'mod li huwa ħass li kien perikoluż. Għalhekk huwa kompla jsegwi din il-vettura fejn imbagħad innota li din il-vettura bdiet tibbrejkja, jaqla' bit-tgħaqid, jispidja u jerġa' jibbrejkja. Kif waslu quddiem il-lukanda Preluna, kien hemm it-traffiku iżda din il-vettura, minn pożizzjoni wieqfa, qalgħet "*bi speed enormi, mar fuq in-naħa l-oħra tat-triq ... isuq gas down, għal ġo karozzi oħrajn. Jiswervja għal Triq Qui Si Sana u jiena hemmhekk indunajt li dan il-bniedem kelli nwaqqfu*". Xehed ukoll li kellu jixgħel is-sirena u anke għajjatlu mill-microphone tal-Pulizija iżda dak il-ħin kien hemm żewġ Pulizija tat-Traffiku li ndunaw li huwa kellu bżonn l-assistenza tagħhom u rnexxielhom iwaqqfu l-vettura l-oħra barra Tigne Point, liema vettura kienet qed tinstaq minn David John Calleja li x-xhud għarfu bħala l-imputat preżenti. Ix-xhud kompla jispjega illi meta waqqfu, l-imputat staqsih għafejn kienu waqqfu u ċaħad li kien qed isuq b'mod perikoluż. Iktar tard, l-imputat kellu jiġi mmanettjat għaliex diversi uffiċjali tal-Pulizija li kienu fuq il-post talbuh kemm-il darba jagħmel il-*breathalyser test*, peress li inxtammet riħa u kien qed isuq b'mod perikoluż, iżda l-imputat irrfjuta ripetutament. F'ħin minnhom l-imputat, meta ngħatatlu l-ordni biex imur l-Għassa biex jagħmel il-*breathalyser test*, ma riedx jobdi l-ordni u sar aggressiv u beda jgħajjar lis-Surġent bi kliem vulgari u minħabba proprju dan, kellhom jarrestawh. Ix-xhud ikkonferma li l-*breathalyser test*

[7] 13 ta' Ottubru 2015.

baqa' ma sarx u lill-imputat, il-kollegi tiegħu qalulu biss biex jagħmel il-*breathalyser test* u xejn iktar. Eventwalment, wara li ġie arrestat, l-imputat rikeb f'vettura oħra tas-servizz flimkien mas-Surġent u żewġ kuntistabbli u iktar tard, ix-xhud ra l-gidma f'id PC 840 kif ukoll ra dmija fuq wiċċ l-imputat. Ikkonferma wkoll li PC 840 ħareġ mill-vettura l-oħra u qallu li kellu idejh migduma.

**WPS 215 Valerie Farrugia** xehdet[8] illi fil-25 ta' Ottubru 2014, PC 840 u PC 1398 talbu l-assistenza tagħha għaliex bl-għajnuna tal-Pulizija tas-Sezzjoni tat-Traffiku kienu waqfu persuna li kellhom suspett li kien taħt l-influwenza tal-alkoħol waqt li kien qed isuq. Hi marret fuq il-post, ix-Xatt ta' Tigne' flimkien ma' PC 729 u hemmhekk kien hemm iż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija qed ikellmu lill-imputat li kien barra mill-karozza tiegħu, JAZ-444, u dak il-ħin ma kienx qed jirraġuna sew. Ikkonfermat illi l-kollegi tagħha kienu qed ikellmuh b'ton normali iżda l-imputat kien qed jgħid ħafna affarijiet bla sens, kellu għajnejh ħomor u riħa qawwija ta' xorb fin-nifs tiegħu. Xehdet ukoll:- "*Tajtu l-caution tal-breathalyser u ghidtlu: 'Ħa jkollok tiġi miegħi sa l-Għassa, nagħmlu l-breathalyser. Għandek dritt ma tagħmlux.' U hu mill-ewwel qalli: 'Jiena mhux ser nagħmlu*". Imbagħad, meta kienu għadhom fit-triq quddiem Tigne' Point qaltlu li mhux sejra tħallih isuq għaliex kien jidher fis-sakra, fejn l-imputat dak il-ħin beda jgħajjarha " '*qaħba', bitch bl-Ingliż. U qalli: 'Int min taħseb li inti biex tgħidli jien fis-sakra?*' " Ix-xhud kompliet tgħid li l-imputat beda jinsulentaha u qalilha: " '*Wara li tgħaddi din il-biċċa xogħol, insibek' Dawn l-affarijiet.*" u hemmhekk tat l-ordni biex l-imputat jiġi arrestat. Iżda hu rreżista l-arrest billi beda jimbotta lill-Pulizija tiegħi u jiġbed idejh u kellhom jagħmlulu l-manetti u daħal fil-karozza tal-Pulizija. Ix-xhud fissret li hija poġġiet quddiem, PC 729 kien qed isuq filwaqt li PC 840 poġġa bil-qiegħda wara hdejn l-imputat iżda kif saqu ftit metri, l-imputat ried joħroġ mill-karozza, intefa' lura u ħareġ saqajh minn bejn is-seats ta' quddiem u beda jagħti bis-sieq lilha u lix-xufier. Għalkemm hi ressqet lejn il-bieba, PC 729 bilkemm seta' jsuq u b'id waħda beda jżommlu saqajh u bl-id l-oħra iżomm l-isteering iżda wara ftit hi qaltlu biex jieqaf: "*Imbagħad dak il-ħin gidem lil* (PC) *840 għax dak beda jipprova jżommu lura biex ma jkomplix itina bis-sieq, lilna. ... Gidmu*

[8] Xhieda tas-6 ta' April 2016.

*f'idejh fir-wrist ... U dan telqu, għax minħabba li gidmu l-840 telqu. U ta daqqa ta' ras mal-ħġieġa biex speċi, beda jgħajjat: "Għajjut, oħorġuni" u dawn l-affarijiet*". Ix-xhud spjegat illi minkejja li hi qaltlu biex jieqaf għax kien ser iweġġa' lilu nnifsu, l-imputat ħabbat rasu mat-tieqa iktar minn darba tant illi fetaħ imnieħru u beda ħiereġ ħafna demm. Hemmhekk kienu waqqfu l-karozza għaliex l-imputat ma kienx kontrollabbli, beda jobżqilhom u jgħajjarhom u mbagħad, ċemplu għall-ambulanza u l-imputat ittieħed l-Isptar u PC 840 marru miegħu wkoll peress illi l-imputat kien qattagħlu biċċa laħam minn idejh.

**PC328 Matthew Azzopardi** xehed[9] illi fil-25 ta' Ottubru 2014 kien għaddej ronda x-Xatt ta' Tigne', lejn Qui si Sana tas-Sliema, flimkien ma' PC1608, kienu b'żewġ muturi, fejn ra vettura tas-servizz bis-sirena mixgħula qed issegwi vettura oħra tat-tip Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni JAZ-444[10]. Meta ra hekk, huwa dar għal wara din il-vettura u wara ftit tul irnexxielhom iwaqqfuha fejn ra li din kienet qed tinstaq mill-imputat David-John Calleja. Ix-xhud qal li l-imputat kien jidher ftit imfixkel u eċitat u kellu daqsxejn riħa ta' xorb iżda wara li għamel xi ħames minuti jkellmu minn wara t-tieqa tal-vettura, kellu jgħaddih lill-kollegi tiegħu tad-Distrett, PC 840 u PC 1398, peress li kellu impenji oħrajn ta' xogħol.

**L-imputat, David John Calleja** fl-istqarrija li rrilaxxa waqt l-interrogazzjoni tiegħu fis-26 ta' Ottubru 2014, ammetta li huwa rrifjuta li jissottopponi ruħu għal *breathalyser test* meta ġie mitlub jagħmel dan mill-Uffiċjali tal-Pulizija u dan peress li kien hemm xi erba' uffiċjali tal-Pulizija u kienu qed ikunu aggressivi miegħu. L-imputat allega li wieħed mill-Uffiċjali tal-Pulizija qabdu minn wiċċu f'forma ta' *headlock* u daħħlu aggressivament fil-vettura tal-Pulizija u ċaħad li gidem lil xi ħadd. Madankollu, ma setax jidentifika min kien daħlu fil-vettura b'*headlock*. Allega wkoll illi PC 729 li kien qed isuq il-vettura tal-Pulizija, kien kissirlu mnieħru u dan meta dar

---

[9] Xhieda tal-11 ta' Mejju 2016.

[10] Ara wkoll xhieda ta' PC 1608 Anthony Dimech, 14 ta' Settembru 2016. Fir-rigward tal-vettura li kienet qed tiġi segwita mill-karozza tas-servizzm qal: "*... tidher ma kienetx taħt kontroll assolut, għax bdiet tiswervja l-karozza. Jiġifieri ma bdietx miexja dritta kif suppost.*" Xehed ukoll: "*Kellu riħa ta' alkoħol żgur fuqu ... ma kienx qiegħed f'siktu*" u qalgħulu ċ-ċavetta tal-karozza.

fuqu kif kien bilqiegħda fuq wara tal-vettura u beda jistaqsi għaliex kien ġie arrestat u billi ħareġ ħafna demm minn imnieħru, ħwejġu kienu kollha mċappsin bid-demm.

**L-imputat għażel ukoll jixhed quddiem il-Qorti**[11] fejn stqarr illi huwa kien qed isuq għaliex kien sar il-ħin biex jara logħba football id-dar iżda quddiemu kien hemm vettua li kienet qed tinstaq bil-mod ħafna, qabiżha u reġa' daħal. Insista li din kienet manuvra normali u ma kienx qed isuq b'veloċita' eċċessiva. Ċaħad ukoll li kien qed isuq iserrep bil-karozza u sostna li meta ra d-dawl tal-korozza tal-Pulizija ma kellux fejn jieqaf mill-ewwel u waqaf wara li ħareġ mill-mini ta' Tigne Point.

L-imputat xehed illi fil-bidu meta waqqfuh kien hemm żewġ Pulizija tat-Traffiku li bdew ikellmuh u qalilhom li kien xorob biss tnejn jew tliet fliexken tal-birra. Imbagħad ġew żewġ Pulizija oħra fosthom wieħed bin-numru 729 li kien aggressiv ħafna miegħu u wara xi tliet minuti jistaqsih, sabbtu mal-bonnet tal-karozza, immanettjah minn wara daharu u beda jipprova jitfgħu fil-karozza tal-Pulizija. Qal li huwa ppanikkja għaliex qatt ma kellu x'jaqsam mal-Pulizija qabel u beda jistaqsi lill-Pulizija għaliex ġie arrestat u fejn kienu ser jeħduh. Peress li ħass li l-Pulizija kienu qed jagħmlu show bih, ipprova jirreżisti t-tentattivi tal-Pulizija biex jitfgħuh fi-karozza anke għaliex ried jidħol fil-vettura huwa stess u mhux bil-forza.

Qal li l-uffiċjal bin-numru 729, li kien qed isuq il-karozza tal-Pulizija, baqa' jaġixxi b'mod aggressiv miegħu. Hu kien bil-qiegħda fin-nofs fuq wara b'uffiċjal ieħor bilqiegħda ħdejh fuq ix-xellug tiegħu, ċioe' wara s-seat tal-passiġġier u qal li kien għamel rasu bejn is-seats ta' quddiem u baqa' jistaqsi lix-xufier għaliex ġie arrestat u fejn kien sejjer meta f'daqqa u l-ħin, waqt li l-karozza qiegħda tinstaq, ix-xufier tah daqqa ta' minkeb f'nofs wiċċu u farraklu mnieħru. Kien hemm demm kullimkien fil-karozza u ċċappsu wkoll l-uniformijiet tal-Pulizija li kienu fil-karozza. Ċaħad li kien qed jagħti bis-sieq mas-seat tax-xufier qabel qala' d-daqqa ta' minkeb iżda stqarr li dan għamlu wara d-daqqa. Dak il-ħin l-uffiċjal li kien bil-qiegħda ħdejh qabbdu biex

[11] Xhieda tal-15 ta' Frar 2023.

jikkalmah b'idejh fuq wiċċu u peress li huwa kien daqxejn eċitat u ma setax jieħu nifs sew, qala' rasu fuq idejh iżda ċaħad li gidmu.

Hemmhekk waqfu bil-karozza, ħarġuh u meddewh wiċċu 'l fuq fit-triq. Ikkonferma li l-uffiċjali tal-Pulizija ma għamlulu xejn għajr għall-Pulizija bin-numru 729. Iżda żied jgħid li wara li ħarġuh mill-vettura, il-Pulizija mara bdiet tgħidlu li huwa kien beda jsabbat wiċċu mal-ħġieġa tal-karozza u dak il-ħin hu tilifha u għajjarha.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli fl-ewwel imputazzjoni bir-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. Dan jipprovdi li huwa ħati ta' reat kull min-

*"... jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz ..."*

Illi mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni jirriżulta illi l-imputat għajjar lil WPS 215 "*bitch*" u heddidha. Ix-xhieda li ddeponew fir-rigward u li kienu preżenti waqt din il-parti mill-inċident, inkluż WPS 215 Valerie Farrugia nnifisha, ilkoll jikkonkordaw illi l-imputat indirizzaha b'dan il-mod meta hija għarrfitu li jrid imur magħha l-Għassa tal-Pulizija biex jagħmel *breathlyser test*. Jirriżulta illi is-Surġent għarrfitu wkoll dak il-ħin li għalkemm għandu jedd jirrifjuta li jagħmel dan it-test iżda jekk jirrifjuta, jitqies li huwa ħati. WPS215 Valerie Farrugia, korroborata minn PC 840 Roderick Joseph Psaila, xehdet illi l-imputat mill-ewwel irrifjuta li jagħmel dan it-test iżda hekk kif għarrfitu li mhux sejra tħallih isuq għaliex kien fis-sakra u qaltlu biex iċempel xi ħbieb jew membri tal-familja biex jiċċaqalqu l-karozza tiegħu, beda jgħajjarha:- "*qaħba, bitch bl-Ingliż. U qalli: 'Int min taħseb li inti biex tgħidli jien fis-sakra?*'" Hija xehdet ukoll li l-imputat beda jinsulentaha u qalilha: "'*Wara li tgħaddi din il-biċċa xogħol, insibek' Dawn l-affarijiet.*" Dan kollu ġie affermat minn PC 840 li

xehed li kif is-Surġent qaltlu li ma jistax isuq il-vettura tiegħu għaliex kien fi stat ta' sokor, l-imputat indirizzaha hekk:- "*min taħseb li int? Ja qaħba, ħa notqollok il-familja u ħa ntelliflek xogħolok*" u "*ma tafx min huwa missieri u min jiena*"[12]. Min-naħa tiegħu, PC 729 Kevin Decelis xehed li filwaqt li xamm riħa qawwija ta' alkoħol fuq l-imputat, semgħu wkoll jgħajjar lis-Surġent "*bitch*" u beda jargumenta magħha[13]. Dan ix-xhud qal ukoll li l-imputat beda joffendi lill-uffiċjali kollha li kien fuq il-post, dak il-ħin kien hemm hu, is-Surġent, PC 840 u PC 1398 u qalilhom li ser itellifhom il-post tax-xogħol tagħhom. Il-verżjoni tal-imputat li huwa għajjar lil WPS215 wara li ħarġuh mill-karozza tal-Pulizija għaliex bdiet tisfidah biex jgħid li huwa kien qed isabbat wiċċu mal-ħġieġa tal-karozza, hija kontradetta mix-xhieda l-oħra kollha li xehdu fir-rigward u l-Qorti ma tqisx li hi ta' min joqgħod fuqha anke għaliex mhijiex sorretta bl-ebda mod mill-provi.

Dwar l-Artikolu 95 tal-Kap. 9, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Zammit**, wara li għamlet referenza għall-ġurisprudenza in materja, elenkat il-ħames elementi kostituttivi tar-reat meta l-oltraġġ jikkonsisti f'inġurja. Il-Qorti qalet li l-kliem ingurjuz irid ikun sar:

i) Lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku;
ii) Officio durante vel contemplatione officii;
iii) De visu;
iv) Li jkun fil-fatt ingurjuz; u
v) Animo iniuriandi.

Illi b'mod speċifiku dwar it-tielet element u ċioe' r-rekwiżit li l-kliem ingurjuz ikun intqal fil-preżenza tal-uffiċjal pubbliku li lejh ikunu indirizzati, fis-sentenza fl-ismijiet

[12] Xhieda ta' PC 840 Roderick Joseph Psaila.
[13] Ara wkoll xhieda ta' PC 1398 John Spiteri li xehed illi meta lill-imputat ingħatatlu l-ordni biex imur l-Għassa biex jagħmel il-breathalyser test, ma riedx jobdi l-ordni u sar aggressiv u beda jgħajjar lis-Surġent bi kliem vulgari.

**Il-Pulizija vs Amante Camilleri**[14], il-Qorti tal-Appell Kriminali riaffermat il-prinċipji assodati in materja meta qalet:-

"*Biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala ingurjuzi jkunu inghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku u li jkunu nghadu offico durante vel contemplatione officii. Rekwiezit iehor huwa li l-kliem jigu profferiti fil-prezenza ta'l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni.*"

Fir-rigward l-element formali tar-reat in diżamina, l-istess Qorti fis-sentenza appena ċitata[15] irriteniet:

"*hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat*

---

[14] **Il-Pulizija vs Amante Camilleri** decided on the 17.10.1997.

[15] **Il-Pulizija v. Amante Camilleri**, *ibid*.

*sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi.*"

Fir-rigward tal-elementi materjali tar-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kap. 9, huwa ppruvat ampjament mit-testimonjanza tax-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni, xhieda li baqgħet inkontradetta, li dawn jinsabu sodisfatti. Il-persuni li fil-konfront tagħhom ġie indirizzat il-kliem ta' inġurja u theddid huma uffiċjali tal-Pulizija li huma uffiċjali pubbliċi, filwaqt li l-kliem inġurjuż u t-theddid intqal fil-preżenza tagħhom matul it-twettiq tal-funzjoni uffiċjali tagħhom.

Fir-rigward imbagħad l-element formali, il-Qorti wara li fliet attentement ix-xhieda, tqis illi m'hu xejn inqas minn manifestament ovvju illi l-imputat aġixxa bil-mod deskritt mill-uffiċjali tal-Pulizija u indirizża lil WPS 215 Valerie Farrugia bl-imsemmi kliem inġurjuż, mhux b'rejazzjoni jew bi protesta kontra xi ordni mhux leġittima li ngħatatlu minn xi uffiċjal tal-Pulizija, iżda tabilħaqq bil-ħsieb evidenti li joffendiha u jheddidha kif ukoll biex ibeżżagħha jew jinfluwixxi fuqha fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet pubbliċi tagħha bħala uffiċjal tal-Pulizija. Għalkemm mhux meħtieġa l-prova għall-fini ta' dan ir-reat, li l-uffiċjal kien qed jeżegwixxi l-liġi jew ordni mogħtija skont il-liġi għaliex huwa biżżejjed li jkun qiegħed iwettaq servizz pubbliku, huwa ppruvat ukoll fiċ-ċirkostanzi illi l-ordni li erogat WPS 215 Valerie Farrugia biex ma jsuqx il-vettura tiegħu kien bla dubju wieħed leġittimu fiċ-ċirkostanzi peress li din l-ordni kienet intiża biex l-imputat ma jwettaqx jew ma jkomplix iwettaq ir-reat kriminali taħt *inter alia* l-Artikolu 15G tal-Kap. 65 li jipprovdi: "*Persuna meħtieġa li tagħti kampjun tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tista' tiġi miżmuma mill-Pulizija sakemm il-Pulizija jkun jidhrilha li dik il-persuna tkun f'kundizzjoni li ssuq.*"

Dan qed jingħad għaliex ġie abbundantement ippruvat mix-xhieda tal-uffiċjali kollha li ddeponew f'dawn il-proċeduri illi l-imputat kellu riħa qawwija ta' xorb fin-nifs tiegħu, kien imfixkel u eċitat, ma kienx qed jirraġuna u jikkoopera magħhom u ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba alkoħol. Kemm hu hekk, PC 840 xehed ukoll illi l-imputat beda miexi jixxengel laġenba, fuq il-lemin u fuq ix-xellug u jserraħ mal-

vettura biex ikun jista' jkellem lill-uffiċjali tal-Pulizija li kienu waqqfuh[16], filwaqt li dawk l-uffiċjali tal-Pulizija li inzertawh isuq u segwewh qabel irnexxielhom iwaqqfuh, ilkoll ikkonfermaw li kien qed isuq b'veloċita' "*enormi*" u b'mod erratiku u perikoluż u kien proprju għalhekk li huwa kellu jiġi mwaqqaf. Dan kollu magħdud huwa biżżejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti li l-kliem inġurjuż u ta' theddid indirizzat lil WPS 215 Valerie Farrugia intqal bl-intenzjoni li joffendu u biex permezz tat-theddid, ibeżżagħha fl-eżekuzzjoni ta' dmirha bħala uffiċjal tal-Pulizija.

Hawnhekk il-Qorti tqis li għandha tosserva illi għalkemm PC 840 Roderick Joseph Psaila xehed illi l-imputat beda miexi jixxengel laġenba, fuq il-lemin u fuq ix-xellug u jserraħ mal-vettura biex ikun jista' jkellem lill-uffiċjali tal-Pulizija li kienu waqqfuh u WPS 215 Valerie Farrugia xehdet ukoll li l-imputat kien qed jgħid ħafna affarijiet bla sens, kellu għajnejh ħomor u riħa qawwija ta' xorb fin-nifs tiegħu, ma tirravviżax f'din l-imġieba l-estremi tar-reat taħt l-Artikolu 15A tal-Kap. 65 (anke għaliex, kif sejjer jingħad iktar 'il quddiem, ma ġiex ippruvat li l-imputat kien fil-fatt xurban, wisq inqas li kien ikkonsma drogi) u lanqas ir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(ff) tal-Kap. 9: biex issib ħtija l-Qorti kienet tistenna li l-imputat ikun inkapaċi jitkellem b'mod koerenti, jimxi jew iqum fuq saqajh jew ikun addirittura mitluf minn sensih jew inkella tinġieb prova konkreta li kien qed jixrob. Wara kollox, iż-żewġ elementi materjali jridu jiġu ppruvati kumulattivament u mhux alternattivament. **Għaldaqstant, mhemmx ħtija għar-reat addebitat fit-tmien imputazzjoni**.

**Madanakollu, hija l-fehma tal-Qorti li l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat kontravvenzjoniali addebitat fl-għaxar imputazzjoni, taħt l-Artikolu 338(bb) tal-Kap. 9** ċioe', għad illi jkun xurban, igħid fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti. Huwa ppruvat mix-xhieda ta' WPS 215 Valerie Farrugia u PC 840 Roderick Psaila illi meta kienu fit-triq quddiem Tigne Point, l-imputat għajjar lis-Surġent "*bitch*" u "*qaħba*", kliem li huwa bla dubju indeċenti.

[16] Ara xhieda ta' PC 840 Roderick Joseph Psaila.

F'dawn l-istess ċirkostanzi l-Qorti tirravviża fil-kondotta tal-imputat, l-elementi materjali kollha tar-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 - ċioe' li ma obdiex l-ordni biex ma jsuqx il-vettura tiegħu u jidħol minflok fil-vettura tal-Pulizija biex jiġi mwassal sal-Għassa tal-Pulizija biex issir il-proċedura tat-test tan-nifs. L-imputat kien fid-dmir li, mingħajr kliem żejjed u sfida, jobdi l-ordnijiet leġittimi li kienu gew mogħtija lilu mill-Pulizija sabiex imur magħhom sal-Ghassa ta' Tas-Sliema u biex ifittex lil xi ħadd biex jiċċaqlaq il-vettura tiegħu minn fuq il-post. L-ordnijiet leġittimi mogħtija mill-Pulizija liċ-ċittadin għandhom jiġu obduti minnufih u mingħajr argumenti u mhux biex jiġu sfidati jew injorati mis-soġġett tal-ordni iżda evidentement l-imputat dan m'għamlux tant illi beda jinsulta lis-Surġent 215 u jaġixxi aggressivament u kellu jiġi arrestat kif ukoll immanettjat. **Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati wkoll tar-reat kontravvenzjonali addebitat fis-seba' imputazzjoni taħt l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9.**

Ikkunsidrat;

**Kif stabbilit, l-imputat għandu jistab ħati tal-ewwel imputazzjoni iżda dan mhux biss minħabba l-oltraġġ fil-konfront ta' WPS 215 Valerie Farrugia, iżda wkoll minħabba l-offiżi li huwa għamel fuq il-persuna ta' PC 840 Roderick Joseph Psaila** meta gidmu darbtejn f'idejh waqt li kienu qegħdin jeskortaw lill-imputat arrestat fil-vettura tas-servizz lejn l-Għassa tal-Pulizija.

L-uffiċjali kollha tal-Pulizija li kienu fil-vettura flimkien mal-imputat ilkoll ikkonfermaw kif l-imputat li kien immanettjat, beda jagħti bis-sieq bejn is-seats ta' quddiem tal-vettura u beda jolqot lil PC 729 li kien qed isuq fejn dan tal-aħħar kellu jżomm b'id waħda sieq l-imputat u bl-id l-oħra jipprova jsuq iżda ma kellux kontroll sħiħ tal-vettura. Minħabba f'hekk, PC 840, li kien bil-qiegħda fuq wara mal-imputat, ipprova jżommu lura minn sidru fejn hawnhekk l-imputat gidmu fuq idu x-xellugija. Jirriżulta wkoll illi meta WPS 215 tat l-ordni biex jiefqu jsuqu minħabba l-imġieba aggressiva tal-imputat li kien qiegħed ukoll iħabbat rasu mal-ħġieġa tal-vettura tant illi

nfaraġ[17], l-istess imputat beda jobżoq fuq PC 840, fejn l-istess uffiċjal ħareġ idejh biex jipprova jżomm distanza bejnu u l-imputat. Kien hawnhekk li PC 840 xehed illi l-imputat reġa' gidmu għat-tieni darba bis-saħħa tant li qaċċatlu biċċa mil-laħam ta' idu.

WPS 215 Valerie Farrugia xehdet hekk:-

"*Imbagħad dak il-ħin gidem lil* (PC) *840 għax dak beda jipprova jżommu lura biex ma jkomplix itina bis-sieq, lilna. ... Gidmu f'idejh fir-wrist ... U dan telqu, għax minħabba li gidmu l-840 telqu. U ta daqqa ta' ras mal-ħġieġa biex speċi, beda jgħajjat: "Għajjut, oħorġuni" u dawn l-affarijiet*".

Rat ukoll lill-imputat jobżqilhom u kkonfermat illi l-imputat kien qatta' biċċa mil-laħam minn id PC 840. Dr. Kyle Flores-Martin ikkonferma li din il-gidma kienet *a human bite* u xehed illi din il-ferita kienet miftuħa u minħabba fiha l-pazzjent kellu jingħata antibijotiċi u kellu jagħmel ġimagħtejn ma jmurx xogħol[18]. L-offiżi li ġarrab PC 840 ġew ikklassifikati bħala offiżi ħfief.

Huwa minnu illi l-imputat ċaħad illi huwa gidem xi ħadd mill-uffiċjali tal-Pulizija u sostna wkoll illi huma kienu aggressivi miegħu tant illi ddaħħal ġol-vettura tal-Pulizija billi wieħed minnhom żammu f'*headlock*. Iżda dawn l-allegazzjonijiet mhux biss baqgħu ma ġewx sostanzjati talli huma kontradetti bix-xhieda tal-uffiċjali kollha tal-Pulizija li kienu fil-vettura tal-Pulizija flimkien mal-imputat u li lkoll ikkonfermaw kif l-imputat beda jaġixxi b'mod ferm aggressiv mhux biss kif ġie infurmat li kellu jmur l-Għassa tal-Pulizija u meta setax isuq il-vettura tiegħu minħabba l-istat ta' sokor li kien jinsab fih, iżda wkoll ftit wara daħal fil-vettura tal-Pulizija fejn ix-xiehda lkoll iddeskrivew b'mod univoku u mill-iktar konsistenti, l-aggressjoni manifestata mill-imputat li kien inkontrollabbli u kien qed jipprova jagħmel minn kollox mingħajr ebda qies tal-konsegwenzi tal-mossi tiegħu, biex iwaqqaf il-vettura u joħroġ minnha.

---

[17] Dan kollu ġie konfermat fix-xhieda ta' PC 729 Kevin Decelis.

[18] Ara xhieda Dr. Kyle Flores-Martin, 11 ta' Mejju 2016 li kkonferma wkoll iċ-ċertifikat mediku maġruġ minnu, Dok. JS5, fol. 19.

Il-verżjoni tal-imputat, kontradetta kif ukoll mhux sostanzjata minn xi xhieda jew evidenza oħra, m'hijiex, fil-fehma tal-Qorti, raġjonevoli jew ippruvat sal-grad tal-probabbli. Il-fatt li l-imputat kellu nefħa u demm f'imnieħru huwa ferm iktar konsonanti u kompatibbli mal-verżjoni tax-xhieda kollha li ressqet il-Prosekuzzjoni fir-rigward, ċioe' li huwa beda jsabbat rasu mal-ħġieġa u nfaraġ, fost manuvri aggressivi oħrajn biex jipprova jwaqqaf il-vettura u joħroġ minnha, milli l-verżjoni tal-imputat. **Fil-fatt, id-demm mal-ħġieġa tal-vettura jidher b'mod manifest fir-ritratti estratti mill-espert Dr. Steven Farrugia Sacco minn Dok. JP4**[19] - ritratti li qatt ma ġew kontestati b'ebda mod mid-difiża. Il-Qorti tosserva wkoll li kuntrarjament għal dak li xehed l-imputat u dak li ġie sottomess waqt it-trattazzjoni finali, mhux ippruvat li l-imputat kellu ksur jew frattura f'imnieħru u Dr. Mario Said[20], li ġie maħtur fuq talba tal-imputat innifsu biex jeżaminah, riskontra biss tbenġil fuq iż-żewġ naħat tal-imnieħet, u laċerazzjoni żgħira f'wiċċu.

Jiġi osservat ukoll illi fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija, l-imputat ddikjara li PC 729 li kien qed isuq il-vettura tal-Pulizija, kissirlu mnieħru meta "*dar fuq*(u) *u faqqal*(u) *mnieħr*(u)"[21] kif kien bilqiegħda fuq wara tal-vettura, iżda meta xehed quddiem il-Qorti qal li huwa kien għamel rasu bejn is-seats u PC 729 tah daqqa ta' minkeb. Il-Qorti ma tqisx li huwa raġjonevoli li tmien snin wara l-inċident, l-imputat jiftakar mhux biss irqaqat dwar l-inċident b'iktar preċiżjoni iżda wkoll dettalji li jkun naqas għal kollox milli jsemmihom waqt l-interrogazzjoni tiegħu l-għada tal-inċident. Tqis ukoll bħala inverosimili l-allegazzjoni li xufier ta' vettura, **waqt li jkun qiegħed isuq**, jagħti daqqa b'tant preċiżjoni fl-imnieħer ta' persuna li suppost kienet immanettjata u bil-qiegħda wara s-seat tal-passiġġier. Kif jirriżulta mix-xhieda ta' PC 729 u PC 840, ix-xufier kien qiegħed b'id waħda jipprova jżomm lill-imputat milli jagħti bis-sieq lis-seat tiegħu u ma setax għalhekk jikkontrolla l-vettura u kellu jieqaf. Il-Qorti ma tqisx lanqas li hija raġjonevoli l-verżjoni tal-imputat li huwa kien fuq is-seat tan-nofs ta' wara, meta mix-xhieda jirriżulta li l-persuna arrestata qatt ma titħalla titpoġġa wara x-xufier u jirriżulta wkoll li f'dan il-każ PC 840 kien bilqiegħda huwa stess wara x-

---

[19] Ara Appendix C formanti parti minn Dok. SFS. Paġni 144, 145 u 147 tal-atti tal-kawża.
[20] Kopja ta' rapport Dok. MS1 u xhiweda tas-26 ta' Ġunju 2019.
[21] Paġna 2 tal-istqarrija Dok. JS4.

xufier u xogħolu kien li jikkontrolla l-persuna arrestata li f'dan il-każ kien qed jaġixxi b'mod ferm aggressiv.

Minn dan kollu m'hemm l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li l-imputat gidem lil PC 840 Roderick Joseph Psaila u kkaġunalu offiżi ħfief fuq il-persuna tiegħu meta beda jżomm lill-istess imputat lura milli jkompli jagħti bis-sieq lill-uffiċjali l-oħrajn fil-vettura kif ukoll sussegwentement meta beda jżommu milli jkompli jaġixxi aggressivament u jobżoq fuqu. **F'dan l-aġir il-Qorti tirravviża l-elementi kollha sija tar-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kap. 9, kif ukoll ir-reat addebitat fit-tielet imputazzjoni.**

Ikkunsidrat;

Stabbilita l-ħtija tal-imputat għar-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kap. 9, il-Qorti trid tgħaddi biex tistħarreġ il-provi mill-ottika tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9 biex tistabbilixxi jekk l-imputat jistax jinstab ħati li attakka jew għamel "*reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti.*"[22]

Skond il-Professur Sir Anthony Mamo, jeħtieġu jikkonkorru tliet elementi biex tinstab ħtija għal dan ir-reat: l-ewwel element jikkonsisti f'attakk jew reżistenza[23]; it-tieni element jirreferi għall-kundizzjoni jew kapaċita' tal-persuna li fil-konfront tagħha l-attakk jew ir-reżistenza tinsab indirizzata: il-liġi titkellem dwar persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku.

[22] Artikolu 96 tal-Kap. 9.
[23] "*Such attack or resistance must be made with violence or active force. ... In other words, the law requires the use of private force, which is alone calculated to offer a serious obstacle to the action of the officers concerned with executing the law or the orders thereunder and to impede such action.*" – Notes on Criminal Law, Vol. 2, paġna 54.

Finalment, jeħtieġ li l-attakk jew ir-reżistenza sseħħ matul l-att ta' eżekuzzjoni minn din il-persuna tal-liġi jew ordni leġittima mogħtija minn awtorita' kompetenti. In propositu ta' dan it-tielet element, il-Professur Mamo jgħid hekk:-

*"The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or of the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those who are charged therewith."*[24]

Fir-rigward ta' dan l-element, jissokta jispjega wkoll:-

"*The question arises whether resistance would be punishable if the officer was at the time abusing his powers or exceeding his jurisdiction, or otherwise acting unlawfully or arbitrarily. .... In our law the solution of this question is clear. So that the crime under section 96 may arise it is essential that the officer to whom resistance is offered should be acting* ***in the execution of the law*** *or of* ***a lawful order of the competent authority****. "Donde segue che se questa esecuzione lungi dall'essere voluta della legge, vi si trovi in opposizione, viene a mancare quel dato essenziale che si richiede per la criminosita della incontrata resistenza". This is clearly the best and most equitable solution. The law gives its special protection to* ***the officer*** *not to* ***the man****, and therefore just as resistance to the representative of public authority while discharging his lawful duty is, and should be, severely repressed, so conversely, the subject has, and should have, the right to resist any arbitrary or illegal act. It would be inequitable to require a passive obedience and submission in all circumstances from a subject who cannot be denied the right of expecting faithful observance of the*

---

[24] Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** (deċiża 9.9.2002), il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:- *"Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar fil-waqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "*tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti*". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "*waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz*". ..... Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-liġi.*

*law from the officers whose duty it is to cause it to be observed by others."*[25] (emfasi tal-Qorti)

Dan l-insenjament ġie konsistentement segwit u applikat mill-qrati tagħha: f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Frar 1958, ġie ritenut:

"*Il-Pulizija, f'l-ezercizju tad-doveri taghha, ghandha d-dritt li tuza dak l-quantum ta' forza li jkun necessarju; u kull membru tal-Pulizija ghandu dritt jiddefendi lilu nnifsu jekk jigi aggredit waqt li jkun qieghed jaghmel dmiru. Imma dan id-dritt tal-Pulizija lanqas ma ghandu jigi abbuzat; u ghalhekk, stante li l-element intenzjonali fid-delitt ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija hu li l-imputat ikun agixxa biex jimpedixxi att ta' gustizzja, l-imputat ma ghandux jigi ritenut hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija meta da parti tal-Pulizija kien hemm abbuz minn dan id-dritt taghhom; ghax ma jistghax ikun hemm din l-intenzjoni meta hemm eccess da parti ta' pulizija jew ufficjal pubbliku.*"[26]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ċitata iktar qabel, għamlet ukoll distinzjoni bejn l-attakk jew ir-reżistenza f'ċirkostanzi fejn uffiċjal tal-Pulizija jkun qiegħed jarresta jew ikun għadu kif arresta persuna, u attakk jew reżistenza f'sitwazzjoni fejn uffiċjal tal-Pulizija qiegħed jipprova jikkonvinċi lil ħaddieħor jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa. Skont it-tagħlim tal-Qorti tal-Appell, filwaqt li fl-ewwel istanza l-uffiċjal tal-Pulizija qiegħed jeżegwixxi l-liġi u għalhekk l-attakk jew reżistenza jistgħu jagħtu lok għar-reat taħt l-Artiklu 96 tal-Kap. 9, mhux l-istess fit-tieni istanza għaliex hawnhekk l-uffiċjal tal-Pulizija ma jkunx qiegħed jeżegwixxi l-liġi izda jkun qed iwettaq il-funzjoni pubblika tiegħu.

F'sentenza mogħtija fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk[27]:-

---

[25] Notes on Criminal Law Vol II pagna 49/50.
[26] **Il-Pulizija vs Anthony Camilleri**.
[27] **Il-Pulzija vs Lawrence Attard**.

"*... Meta ufficjal tal-pulizja jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jezegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi "ghall-ezekuzzjoni tal-ligi" fis-sens tal-Artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-Artikolu 95*."

Huwa għalhekk assodat fil-ġurisprudenza in materja li għal sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikoku 96 tal-Kap, 9, huwa essenzjali li jintwera li l-uffiċjal li jkun ġie attakkat jew reżistit, kien qiegħed jeżegwixxi l-liġi.

Applikat dan it-tagħlim lill-fattispeċje tal-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma tqisx li fl-imġieba tal-imputat mill-mument meta ġie mgħarraf li ma jistax isuq il-vettura tiegħu u li jrid imur fl-Għassa tal-Pulizija biex isiru l-proċeduri b'rabta mal-*breathylser test*, sakemm ħareġ mill-vettura tal-Pulizija wara li din kellha tieqaf proprju minħabba l-aġir aggressiv tiegħu, tista' tirravviża x-xorta ta' attakki u reżistenza vjolenti projibiti mill-Artikolu 96. Għalkemm huwa ppruvat mix-xhieda ta' PC 840, PC 729, PC 1398 u WPS 215 illi hekk kif ingħatat l-ordni għall-arrest tal-imputat – ordni li hija leġittima u ġustifikata għaliex ingħatat sewwasew minħabba l-inġurji u theddid li l-imputat kien appena indirizza fil-konfront ta' WPS 215 – huwa beda jirreżisti l-arrest[28] u rrifjuta li jidħol minn jeddu fil-vettura, u huwa minnu wkoll li WPS 215 Valerie Farrugia xehdet illi l-imputat irreżista l-arrest billi beda jimbotta lill-uffiċjali tagħha u jiġbed idejh tant illi ġie deċiż li kellu jiġi manettjat, filwaqt li PC 840 ikkonferma li l-imputat ta kedda lit-tliet uffiċjali tal-Pulizija biex iwettqu l-arrest u rnexxielhom jarrestawh biss wara diversi tentattivi. Madanakollu, il-Qorti ma tħossx li l-estremi tar-reat taħt l-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali jeżistu f'dan il-kaz. Dan qed jingħad għaliex ma jirriżultax li l-imputat eċċeda l-limiti ta' reżistenza għall-

---

[28] Ara xhieda PC 840 Roderick Joseph Psaila, xhieda ta' PC 729 Kevin Decelis, u xhieda ta' WPS 215 Valerie Farrugia.

arrest b'mod li r-reżistenza saret bi vjolenza jew addirittura attakk fuq l-uffiċjali tal-Pulizija: il-Professur Mamo in tema, spjega espressament illi "*a mere passive resistance to arrest is not punishable*" u ma jikkommettix dan ir-reat il-persuna li jevita "*the execution of a Warrant of Arrest by running away at the arrival of the police, or, by freeing himself from their hands without, however, using any violence whatsoever.*"[29]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mallia**[30] qalet hekk in propositu: -

"*Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.* »

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti tirravvża fl-aġir tal-imputat **sal-mument meta daħal fil-vettura tal-Pulizija**, sewwasew dik ir-reżistenza li hija mnissla mill-istint għal-liberta' personali tiegħu. Kemm hu hekk, mix-xhieda tal-Pulizija li kienu qegħdin jeżegwixxu l-manuvra tal-arrest jirriżulta li l-imputat ma ħebbx għalihom u ghalhekk il-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li bl-aġir tieghu l-imputat irreżista l-ordnijiet bi vjolenza, għad illi għamel mossi fiżiċi inkonsulti biex ma jigix immanettjat, iżda li ma jidhrix li kienu motivati minn xi ħsieb li jattakka jew jagħmel offiża fuq il-persuna tal-istess uffiċjali tal-Pulizija.

---

[29] Notes on Criminal Law, Vol. 2, paġna 55.
[30] Deċiża 21 ta' Mejju 1960.

**Madankollu, mix-xhieda li diġa' ġiet eżaminata bir-reqqa mill-Qorti għall-fini tar-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kap. 95, huwa abbundantement ippruvat illi meta l-imputat kien arrestat u manettjat fil-karozza tal-Pulizija, huwa kien qed jaġixxi vjolentement tant illi beda jagħti bis-sieq lix-xufier PC 729 Kevin Decelis minn bejn is-seats u beżaq fuq PC 840**. PC 840 xehed illi minħabba f'hekk, huwa pprova jżomm lill-imputat u jitfgħuh lura f'postu billi jżommu minn sidru u kien hawnhekk li l-imputat gidmu l-ewwel gidma f'idejh u mbagħad kif telaqlu idejh, l-imputat beda jagħti b'wiċċu mal-ħġieġa tal-vettura. Hawnhekk, **PC 840 kien qed iżomm lill-imputat li kien diġa' arrestat waqt li kien qed jiġi eskortat sal-Għassa tal-Pulizija. Mill-ġurisprudenza in materja ċitata iktar qabel, dan ifisser illi fil-mument li huwa ġie aggredit mill-imputat, PC 840 kien qed jeżegwixxi l-liġi**. Mhemmx dubju li f'dan l-aġir, għalkemm jista' jkun minnu li huwa kien qed jipprova jagħmel minn kollox biex jipprova joħroġ mill-karozza tal-Pulizija, l-imputat mar ferm oltre minn dak meħtieġ raġjonevolment biex jagħmel dan u infexx jattakka u jirreżisti bil-vjolenza lil PC 840 meta kien qed iżommu waqt li kien taħt arrest u meta kien qed jeżegwixxi l-liġi mingħajr ebda prova li kien qed jaġixxi in eċċess jew b'xi abbuż tal-poteri tiegħu. Kemm hu hekk, l-imputat meta xehed quddiem il-Qorti stqarr li ebda wieħed mill-uffiċjali tal-Pulizija li kienu involuti fil-każ tiegħu, għajr għal PC 729 Kevin Decelis, m'għamlulu xejn ħażin u irid imaqdar biss lil PC 729[31].

**Konsegwentement il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati wkoll tar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni kif ukoll ħati tar-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9**[32] peress li huwa stabbilit li meta kien fil-vettura tal-Pulizija, huwa ħebb għal PC 840 Roderick Joseph Psaila.

Ikkunsidrat;

---

[31] Paġna 500: xhieda tal-imputat tal-15 ta' Frar 2023.
[32] Ir-raba' imputazzjoni fiċ-Ċitazzjoni.

Illi fil-ħames imputazzjoni l-imputat qed jiġi mixli bir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 ċioe' li kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied.

In tema ta' din il-kontravvenzjoni, il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minnha mogħtija fil-5 ta' Mejju 2005[33] fejn trattat b'mod eżawrjenti l-elementi li jeħtieġu li jiġu ppruvati sabiex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm **ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil**.*

…

*U dik il-Qorti ziedet tghid li:- "Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):- "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para. 41-01). U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid:- "…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the*

[33] **Il-Pulizija v. Noel Tanti**.

*circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04)* (emfasi ta' din il-Qorti)

Imbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deċiża fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:-

"*Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: '... The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell .... Watkins L.J. said: '.... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, **we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done'** (p.182).*" (emfasi ta' din il-Qorti)

Kif rajna mill-ġurisprudenza in materja, fuq ċitata, għalkemm mhux meħtieġa l-prova illi l-agir tal-imputat ikun attwalment nissel l-allarm f'persuna ohra dwar l-inkolumita` fizika taghha jew inkolumita` tal-proprjeta` tagħha, biex tiġi ravviżata ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali, l-aġir tal-imputat irid ikun tali li jkun kapaċi fih innifsu jnissel dan it-tħassib jew allarm mill-inqas f'persuna waħda oħra dwar l-inkolumita` tagħhom. Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti tqis illi għalkemm diversi xiehda xehdu meta kienu fit-triq quddiem Tigne Point, l-imputat kien qed jaġixxi b'mod aggressiv għaliex ma riedx jobdi l-ordni tas-Surġent u beda jgħajjarha bi kliem vulgari - u minħabba proprju dan, kellu jiġi arrestat[34] - u rreżista wkoll l-arrest, ma jirriżultax li dan l-aġir tal-imputat ikkaġuna lil xi wieħed minn dawn ix-xhieda jew xi persuna oħra li kienet preżenti, tibża' għall-inkolumita' fiżika tagħha. Fil-fehma tal-Qorti, din ix-xorta ta' aġir, aġir li seħħ fi triq pubblika – **diversament mill-aġir tal-imputat ġol-vettura tal-Pulizija li m'huwiex post**

[34] PC 1398 John Spiteri.

**pubbliku** – li minnufih ġie mrażżan bl-arrest tal-imputat, m'hijiex tal-kalibru li fih nnifisha hija kapaċi tnissel dak l-element ta' tħassib fl-uffiċjali tal-Pulizija li kienu preżenti, dwar l-inkolumita' personali tagħhom. **Għaldaqstant ma tistax issib ħtija fl-imputat għar-reat addebitat fil-ħames imputazzjoni, taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9**.

Ikkunsidrat;

Ir-reat kontravvenzjonali addebitat lill-imputat fis-sitt imputazzjoni a tenur tal-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9, jipprovdi li huwa hati ta' kontravenzjoni kontra l-ordni pubbiku kull min bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marco Debono** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru tal-2011, il-Qorti qalet illi biex jiffigura r-reat taħt l-Artikolu 338 (m) tal-Kodici Kriminali, jehtieg li l-hsejjes jammontaw ghal "*nuisance*" u cioe` jkun hemm "*substantive inconvenience and material discomfort*". Ingħad ukoll illi l-inkonvenjent irid ikun gravi u mhux faċilment tollerabbli, kif ukoll kontinwu u intens.

Iżda l-istess Qorti, f'sentenza sussegwenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Attard et**, qieset illi dan l-insenjament huwa ftit jew wisq assolutista u huwa iktar deziderabbli li wiehed jaddotta attitudni iktar flessibbli rigward dan ir-reat. Riaffermat ukoll illi jispetta lill-Qorti, min kaz ghal kaz u skond ir-rizultanzi processwali, li "*tivvaluta d-depozizzjoni tal-persuni li jkunu qed jillmentaw mill-inkonvenjent li tiddeciedi jekk il-hsejjes ikunux verament ta' inkonvenjent jew le, mehud skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz*."

Applikat dan l-insenjament għall-każ in diżamina, il-Qorti ma tirravviżax l-estremi biex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali, għaliex tqis illi f'kull kaz irid jirriżulta illi l-element materjali konsistenti fi ħsejjes, għajjat jew komportament

ieħor tal-aġent, ikun wassal biex effettivament kisru l-mistrieħ tan-nies, element li huwa manifestament nieqes mill-provi li għandha quddiemha. Fil-fatt, ħadd mix-xiehda li xehdu quddiem il-Qorti ma lmenta illi l-aġir tal-imputat iddisturbalhom il-mistrieħ tagħhom u huwa wkoll nieqes l-element sija tal-inkonvenjent kif ukoll tal-kontintwita` tiegħu liema elementi huma, fil-fehma tal-Qorti, elementi kostituttivi essenzjali ta' dan ir-reat.

Ikkunsidrat;

Id-disa' imputazzjoni taddebita lill-imputat ir-reat taħt l-Avviż Legali 344/2005 (Regolamenti tal-2005 dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi[35]), regolament 4 u paragrafu (e) tal-Ewwel Skeda. Dawn jipprovdu:-

*4. Ħadd ma jista' jarmi, jitfa', iħalli, jew xort'oħra iqattar jew jiddepożita xi żibel f'xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, sakemm dak id-depożitu u t-tħollija ma jkunux awtorizzati b'liġi:*

Iżda għall-fini ta' dan ir-regolament, l-Iskeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jelenka, iżda mhux b'mod tassattiv, l-atti u n-nuqqasijietli għandhom jitqiesu li jkunu offiża ta' tħollija ta' żibel jew depożitu jew tixrid ta' oġġetti skond dan ir-regolament.

Il-paragrafu (e) tal-Ewwel Skeda tal-Avviż Legali 344/2005 jelenka, fost l-atti jew in-nuqqasijiet li għandhom jitqiesu li jkunu reat skond ir-regolament 4 tal-istess Avviż Legali:

*e) beżaq xi sustanza jew neħħa maħta mill-imnieħer, jew ħalla jew iddepożita exkreta materjali tal-bniedem, inkluż vomtu, jew ħalla jew iddepożita xi exkreta materjali ta' l-annimali fuq jew għal fuq xi triq jew xi post pubbliku.*

---

[35] Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent, Kap. 435: il-leġislazzjoni sussidjarja ġiet trasposta taħt il-Kap. 504 b'effett tal-Att X tal-2010 u mbagħad taħt il-Kap. 549 (L.S. 549.40).

Issa huwa stabbilit mix-xhieda li l-imputat beżaq direttament fuq PC 840 Roderick Joseph Psaila u imlieh kollu bżieq. Jirriżulta wkoll li huwa beżaq id-demm fid-direzzjoni ta' PC 729 Kevin Decelis u WPS 215 Valerie Farrugia meta kienu għadhom kollha fil-vettura tal-Pulizija hekk kif waqfu l-vettura minħabba l-aġir inkontrollabbli u aggressiv tal-imputat[36]. Il-fatt li l-imputat bezaq lejn l-uffiċjali tal-Pulizija li kienu qed jeskortawh lejn l-Għassa tal-Pulizija, hu ppruvat u l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li dan hu minnu. Madanakollu huwa daqstant minnu li kif jirriżulta mix-xhieda ta' PC 840 u PC 729, illi dan kollu seħħ waqt li l-imputat u l-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija kienu fil-vettura tal-Pulizija wara li x-xufier waqqaf il-vettura minħabba l-aġir aggressiv tal-imputat iżda qabel PC 840, li kien bil-qiegħda ħdejh fuq wara, irnexxielu joħroġ mill-vettura.

Ir-regolament 4 u l-paragrafu (e) tal-Ewwel Skeda tal-Avviż Legali 344/2005 huma inekwivoċi illi l-azzjonijiet imsemmija jikkostitwixxi reat biss jekk iseħħu f'xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess.

Ir-regolament 2 tal-Avviż Legali in diżamina jiddefinixxi "*post pubbliku*" bħala li tinkludi kull post, b'sidien privati jew xort'oħra, li għalih il-pubbliku għandu aċċess, u tinkludi triq, baħar, playing field u ground, għalqa, wied, bajja, funtana, mogħdija ta'l-ilma, ġibjun, bir u swimming pool. Imbagħad, skont l-istess regolament 2, "*triq*" tinkludi kull hâra, sqaq, pjazza, pont, triq ma' xatt il-baħar, moll, jew post ieħor ta' passaġġ jew aċċess pubbliku.

Stabbilit illi l-imputat beżaq meta kien jinsab fil-vettura tal-Pulizija u mhux barra fit-triq u billi l-intern tal-vettura tal-Pulizija ma jistax, b'ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni, jitqies bħala post pubbliku jew post li għalih il-pubbliku għandu aċċess, għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi ma tista' tinstab l-ebda ħtija fl-imputat għar-reat taħt ir-regolament 2 u l-paragrafu (e) tal-Ewwel Skeda tal-Avviż Legali 344/2005.

---

[36] Ara speċifikatament xhieda ta' PC 840, 19 ta' Novembru 2014, fol. 39 u fol. 42 u xhieda ta' PC 729 Kevin Decelis, 3 ta' Settembru 2015, fol. 116, 118.

Ikkunsidrat;

Illi marbuta tad-disa' imputazzjoni hemm ukoll il-ħdax l-imputazzjoni, fejn l-imputat qed jiġi mixli bir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(1)(f) tal-Kap. 9. Dan jipprovdi li huwa ħati ta' reat kull min:- *bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħsieb jixħet ilma jew ħwejjeġ oħra maħlula jew ħmiġijiet fuq xi ħadd.*

Għall-fini ta' ħtija għal din il-kontravvenzjoni, il-liġi ma teħtieġx li l-ħmiġijiet jew ħwejjeġ oħra maħlula jinxteħew fuq persuna oħra f'post pubbliku iżda tesiġi minflok li l-aġent tar-reat jaġixxi bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħsieb. Għall-Qorti, stabbilit illi l-imputat meta kien immanettjat fil-vettura tal-Pulizija, beżaq fuq tliet uffiċjali tal-Pulizija, hu evidenti li f'dan il-każ huwa ma aġixxiex involontarjament jew b'kondotta kolpuża. Għall-kuntrarju, huwa aġixxa deliberatament u bil-ħsieb manifest li jobżoq sewwasew fuq l-uffiċjali tal-Pulizija li kienu fil-vettura miegħu b'turija ta' stmerrija u żebliħ u bi tkomplija tal-manifestazzjoni ta' aggressjoni u vjolenza da parti tiegħu fil-konfront tal-istess uffiċjali tal-Pulizija kif ukoll bħala parti mit-tentattivi tiegħu li jwaqqaf il-vettura tal-Pulizija u joħroġ minnha. Għaldaqstant, billi l-imputat ma beżaqx bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħsieb, huwa nieqes l-element formali tar-reat taħt l-Artikolu 339(1)(f) tal-Kap. 9 u ma jistax jinstab ħati ta' dan ir-reat kontravvenzjonali: dan l-aġir volontarju u intenzjonat tal-imputat jikkostitwixxi minflok, reat ferm iktar gravi, ċioe' d-delitt taħt l-Artikolu 95 tal-Kap. 9 li dwaru l-imputat qed jinstab ħati.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli wkoll bir-reat ta' ħsara volontarja taħt l-Artiklu 325(1) tal-Kap. 9. Dan jorbot mat-tnax-il imputazzjoni.

Mill-provi joħroġ li l-ħsara li qed jiġi addebitat lill-imputat hija ħsara li rreka fl-uniformijiet tat-tliet uffiċjali tal-Pulizija li kienu qegħdin jeskortawh fil-vettura tal-

Pulizija u dan meta intenzjonalment sabbat rasu mal-ħġieġa tal-karozza tal-Pulizija, infaraġ u sussegwentement, beżaq id-demm fuq l-uffiċjali tal-Pulizija. Ix-xiehda li ressqet il-Prosekuzzjoni fir-rigward, ilkoll xehdu li meta l-imputat beda jsabbat rasu mal-ħġieġa tal-vettura tal-Pulizija, beda ħiereġ ħafna demm minn imnieħru. Hawnhekk l-imputat beda jobżoq fuq l-uffiċjali tal-Pulizija li kienu fil-vettura u beda jobżoq ukoll id-demm peress li kien infaraġ. Fil-fatt, bil-manuvri aggressivi tal-imputat, id-demm beda jittajjar mal-vettura kollha: dan jirriżulta mir-ritratti li ttieħdu minn PC 840 Roderick Joseph Psaila li juru l-vettura minn ġewwa kollha demm u l-unformijiet ukoll imċappsin bid-demm, kif ukoll minn eżami ħafifa tal-uniformijiet (qomos u qliezet) li ġew esebiti materjalment (Dok VF1).

Għalkemm il-Qorti temmen li l-imputat ma nfaraġx deliberatament u tqis li t-tisbit ta' rasu mal-ħġieġa huwa kompatibbli mat-tenattivi l-oħra li għamel biex iwaqqaf il-vettura tal-Pulizija u joħroġ minnha (fosthom jagħti bis-sieq lix-xufier u jiftaħ il-bieba tal-vettura meta kien immanettjat[37]), il-fatt li beżaq fuq l-uffiċjali tal-Pulizija meta kien evidenti li kellu kwantita' ta' demm nieżel minn imnieħru ma jistax jitqies ħlief bħala azzjoni volontarja imwettqa deliberatament bil-ħsieb manifest li jikkaġuna xi xejra ta' ħsara.

PC 840 Roderick Joseph Psaila u PC 729 Kevin Decelis it-tnejn xehdu li l-uniformi tagħhom (qmis u qliezet) ġew imċappsin bid-demm b'riżultat tal-azzjonijiet tal-imputat appena deskritti, u xehdet hekk ukoll WPS 215 Valerie Farrugia. Madanakollu, għalkemm l-istess Surġent esebit erba' uniformijiet tal-Pulizija, kompriż l-uniformi ta' PC 1398 John Spiteri u xehdet li dawn kienu kollha mċappsin bid-demm, il-Qorti ma riskonstrat l-ebda prova illi effettivament l-uniformi tal-imsemmi PC 1398 ġarrbet ħsara wisq inqas xi ħsara minħabba tiċpis tad-demm tal-imputat. Kemm hu hekk, mix-xhieda huwa eskluż li l-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija kien riekeb fil-vettura tas-servizz flimkien mal-imputat u għalkemm huwa xehed illi in segwitu huwa rikeb fl-ambulanza mal-imputat, imkien ma xehed li l-unformi tiegħu sarilha l-ħsara intenzjonalment b'xi demm tal-imputat.

---

[37] Ara xhieda ta' PC 729 3 ta' Settembru 2015, fol. 122, 123.

PS 1574 Renaldo Cremona, mill-Quarter Master Stores tal-Pulizija xehed illi l-prezz komplessiv biex jiġi rimpjazzati erba' qomos u tliet qliezet tal-Pulizija huwa ta' €100.19[38]. Iżda billi fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova sodisfaċjenti li l-uniformi ta' PS 1398 jew parti minnha ġiet mgħarrqa deliberatament bid-demm, tqis li l-valur tal-ħwejjeġ danneġġjati mill-imputat huwa ta' €69.70[39] u **b'hekk għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap. 9**.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie akkużat ukoll li wettaq ir-reati taħt l-Artikolu 15 tal-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) kif ukoll ir-reat kontravvenzjonali taħt ir-regolament 75 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11[40]. Il-Prosekuzzjoni ssostni li huwa saq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JAZ-444 bi traskuraġni jew b'mod perikoluż u bla kont kif ukoll naqas milli jżomm man-naħa tax-xellu tat-triq jew naqas milli jagħmel sinjal meta ġie biex jibdel id-direzzjoni.

Gie ritenut in materja illi:-

"*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*"[41]

L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mamo**, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:

---

[38] Dok. RC1, fol. 387. Xhieda tat-30 ta' Lulju 2019.
[39] Qmis €8.72 kull waħda u qalziet €21.77 kull wieħed.
[40] It-13 u s-16-il imputazzjoni rispettivament.
[41] **Il-Pulizija vs. Michael Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 2007.

"*Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissuggerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l- prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn.*"

X'jikkostitwixxi imbagħad, perikolu fis-sewqan jew sewqan bla kont, huwa wkoll ben stabbilit fis-sistema ġuridika tagħna. Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997[42], intqal hekk:-

"*Sewqan bla kont hu deskritt ... bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950).""*

PC 840 Roderick Joseph Psaila xehed illi meta huwa ra li l-vettura JAZ-444[43] tat-tip Honda baqgħet ħierġa minn kantuniera "*gas down*", hu u PC 1398 xegħlu s-sirena l-

[42] Vol. LXXXI.iv.157.

beacon lights biex iwaqqfuh iżda minflok waqaf, l-imputat żied il-veloċita' u mar kontra t-*traffic flow* u mbagħad reġa' daħal. Ix-xhud qal li dan kien ser joħloq inċident tat-traffiku.

Min-naħa tiegħu, PC 1398 John Spiteri xehed li huwa ra din il-vettura tinstaq 'l hemm u 'l hawn b'mod li huwa ħass li kien perikoluż u meta bdew isegwu l-vettura, din bdiet tibbrejkja, taqla' bit-tgħaqid, tispidja u terġa' tibbrejkja. Xehed ukoll illi kif waslu quddiem il-lukanda Preluna, kien hemm it-traffiku iżda din il-vettura, minn pożizzjoni wieqfa, qalgħet "*bi speed enormi, mar fuq in-naħa l-oħra tat-triq ... isuq gas down, għal ġo karozzi oħrajn. Jiswervja għal Triq Qui Si Sana u jiena hemmhekk indunajt li dan il-bniedem kelli nwaqqfu".*

Minn din ix-xhieda, mhux kontradetta, il-Qorti fehmet li l-imputat kien bla dubju qiegħed isuq b'mod traskurat u dan għaliex huwa evidenti li huwa ma osservax regolamenti bażiċi tas-sewqan *meta* baqa' ħiereġ minn kantuniera b'veloċita' elevata mingħajr waqfien u meta saq ukoll fuq in-naħa l-ħażina tat-triq kontra l-*flow* tat-traffiku. Iżda l-Qorti tqis illi s-sewqan tiegħu kif deskritt miż-żewġ xhieda msemmija, imur oltre sewqan negliġenti u traskurat u jsarraf f'sewqan bla kont a tenur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65. Dan qed jingħad għaliex min isuq "*bi speed enormi*" *multo magis* kontra d-direzzjoni tat-traffiku, jibqa' ħiereġ b'veloċita' u mingħajr waqfien minn triq laterali kif ukoll iserrep min-naħa għall-oħra tat-triq fejn ikun għaddejjin vetturi oħrajn[44], ikun qiegħed indubbjament jimmanifesta traskuraġni kbira fis-sewqan kif ukoll indifferenza assoluta għall-perikolu ta' ħsara lil terzi; perikolu li huwa mhux biss prevedibbli iżda wkoll ferm probabbli. Kemm hu hekk, jirriżulta mix-xhieda illi meta l-vettura tal-imputat kienet qed isserrep l' hawn u 'l hinn u tmur fuq in-naħa l-oħra tat-triq bi speed qawwi, kien hemm vetturi oħrajn għaddejjin fit-triq tant illi ż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija li xehdu fir-rigward, fehmu li dan is-sewqan kien ser joħloq inċident.

[43] Mix-xhieda ta' Karin Cremona (u Dok. KC1), 6 ta' Jannar 2021, jirriżulta li din il-vettura kienet liċenzjata f'isem l-imputat David John Calleja fil-25 ta' Ottubru 2014.
[44] Dan kollu seħħ fuq il-promenade ta' Tas-Sliema u Qui Si Sana, triq traffikuża f'kull ħin tal-ġurnata.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinsab ħati tal-imputazzjoni bin-numru 13 li kien qed isuq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluża kif ukoll għandu jinstab ħati li saq il-vettura JAZ-444 mingħajr ma żamm man-naħa tax-xellug tat-triq, ċioe' bir-reati taħt l-Artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap. 65.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sejra tistħarreġ jekk mill-provi tistax tiġi ravviżata ħtija fl-imputat għar-reat taħt l-Artikolu 15B(1) tal-Kap. 65, kif addebitat fl-imputazzjoni numru erbatax. Dan is-subartikolu jipprovdi:-

*(1) Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-muturjew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.*

Imbagħad, l-Artikolu 15H tal-istess Kap. 65 tqis bħala ħatja ta' reat kull min jikser id-dispożizzjonijiet *inter alia* tal-Artikolu 15B u l-Artikolu 15E(4) tal-istess Kap. 65.

L-Artikolu 15E(4) tal-Kap. 65 jipprovdi:-

*(4) Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt:*

Issa fil-każ in diżamina huwa abbundantement stabbilit mix-xhieda li l-imputat irrifjuta jissottopponi ruħu għal *breathalyser test.* Il-Qorti hija konvinta wkoll u f'kull każ jirriżulta ppruvat illi l-uffiċjali tal-Pulizija li talbuh jagħti kampjun tan-nifs tiegħu mhux biss kienu ġustifikati jeħtieġu dan il-kampjun mingħand l-imputat biex isir test tan-nifs, sewwasew minħabba dak li jipprovdi l-Artioklu 15Ċ(a) tal-Kap. 65, iżda

għarrfuh ukoll li n-nuqqas jew rifjut li jagħmel dak it-test kien reat. Dan stabbilit u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15D(b) tal-Kap. 65, huma setgħu leġittimament jgħaddu għall-arrest tal-imputat. Iżda kif stabbilit, l-imputat ġie arrestat mhux minħabba dan ir-rifjut iżda minħabba l-inġurji li huwa indirizza u l-oltraġġ li kkommetta fil-konfront ta' WPS 215 Valerie Farrugia. Jirriżulta wkoll mill-provi li l-imputat baqa' qatt ma pprovda kampjun tan-nifs tiegħu biex isir it-test tan-nifs a tenur tal-Artikolu 15E tal-Kap. 65 u dan it-test qatt ma sar.

Madanakollu, il-Qorti ma taqbilx li r-rifjut tal-imputat li jagħmel dak minnu meħtieġ ifisser li għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 15B bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15E(4) tal-Kap. 65. Dan qed jingħad mhux biss għaliex l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju ma indikax espressament l-Artikolu 15E(4) tal-Kap. 65 li joħloq il-preżunzjoni legali ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 15B tal-Kap. 65 f'każ ta' rifjut da parti tal-imputat li jikkonformi ruħu mal-ordni mogħtija taħt l-Artikolu 15Ċ tal-Kap. 65, iżda wkoll minħabba s-segwenti konsiderazzjonijiet.

Kif rajna, l-Artikolu 15E(4) tal-Kap. 65 jipprovdi illi persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, tkun ħatja ta' reat u toħloq presunzjoni legali illi sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, il-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna titqies li tkun iżjed mil-limitu preskritt.

Imbagħad, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 15D tal-Kap. 65 jaghtu setgha lill-Pulizija li jarrestaw persuna jekk dik il-persuna *inter alia* tonqos milli tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs meta meħtieġa tagħmel hekk skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15Ċ, **sakemm dik il-persuna tkun ġiet avżata li n-nuqqas jew ir-rifjut li tagħmel dak meħtieġ kien reat**. Ir-raġuni l-għala trid tingħata din it-twissija lill-persuna li tigi mitluba taghti kampjun ghall-analizi hija ovvja, għaliex meta l-Pulizija teħtieġ li tissomministra t-test tan-nifs biex jittieħed kampjun tan-nifs ghall-fini jigi stabbilit jekk persuna ghamlitx xi reat taht l-Artikolu 15A u l-Artikolu 15B tal-Kap. 65, ir-rifjut tal-persuna li tissottopponi ruhha ghal dan it-test u tagħti l-kampjun rikjest,

jammonta ghal reat kriminali u jawtorizza lill-Pulizija jipproċedu għall-arrest ta' dik il-persuna.

Il-korollarju ta' dan kollu hu illi f'kull kaz u fi kwalsiasi xenarju, persuna li tintalab tissottopponi ruha ghal test tan-nifs jew li taghti kampjun ghall-analizi kif prospettat mill-Artikoli 15C, 15E u 15I tal-Kap. 65, **tkun qieghda titqieghed f'sitwazzjoni fejn tista' tinkrimina ruhha sija jekk taccetta u sija jekk tirrifjuta li toqghod ghal dan it-test jew taghti l-kamjun rikjest**.

In propositu il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Raymond Grech Marguerat** deciza nhar it-28 ta' Ġunju 2017, iddeċidiet illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs, ghandha tigi spjegata car u tond. Qalet ukoll hekk:-

"*Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresupponi l-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attentat doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghata d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha.*

…

***Dan ifisser allura illi mill-mument ta' l-arrest ta' l-appellat meta ittiehed mill-post tal-incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma' l-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat-test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel, iktar u iktar meta kollox kien qed jindika illi l-appellat ma kienx qed jifhem dak li kien qed jinghad lilu**. Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti issib illi ma tistax taqleb id-decizjoni liberatorja moghtija mill-Ewwel Qorti.*" [emfasi ta' din il-Qorti]

Din il-pożizzjoni ġiet imħaddna wkoll f'ġurisprudenza iktar reċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali[45] u l-Qorti tqis illi ghandha wkoll timxi skont dan l-insenjament.

Applikat dan għall-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tosserva illi ma jirriżultax mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija li kienu involuti fil-każ u ma nġiebet l-ebda prova oħra li turi, li l-imputat inghata d-dritt li jkollu assistenza legali qabel huwa gie mitlub li jaghti l-kampjun tan-nifs jew jirrifijutah. **Dan in-nuqqas, fil-fehma tal-Qorti, ifisser li hija ma tistax tapplika l-presunzjoni legali fl-Artikolu 15E(4) tal-Kap. 9 biex tiddeċiedi jekk huwa kommettiex ir-reat taħt l-Artikolu 15B tal-Kap. 65 ċioe' li saq jew kien fil-kontroll ta' vettura bil-mutur fit-triq wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu, għaliex irrifjuta jagħti l-kampjun meħtieġ a tenur tal-Artikolu 15E(4) tal-Kap. 65.**

**Għandu intal-ħtija tal-imputat għar-reat addebitat fil-ħmistax-l imputazzjoni taħt l-Artikolu 15A(1) tal-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), iżda wkoll tal-fatt**

Ikkunsidrat;

Illi fl-aħħar lok l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika li tista' tinstab ħtija taħt l-Artikoli 5(2)(b), 9(1)(2) u 24 tal-Kapitolu 258 (Att dwar il-Karta tal-Identita' u Dokumenti Oħra tal-Identita') u dan b'rabta mal-imputazzjoni bin-numru sbatax. Iżda l-Qorti tosserva illi la l-Artikolu 5 u lanqas l-Artikolu 9 jikkostitwixxi reat, wisq inqas ir-reat addebitat fl-aħħar imputazzjoni fiċ-Ċitazzjoni ċioe' li huwa naqas milli jirrapporta lill-uffiċjal awtorizzat mingħajr dewmien li xi waħda mill-partikolaritajiet tiegħu fil-karta tal-identita'. Ibda biex l-Artikolu 9 huwa kjarament inapplikabbli għall-imputat li ma jirriżultax li mhuwiex ta' nazzjonalita' Maltija; fit-tieni lok, l-Artikolu 5(2) ma jimponi l-ebda obbligu fuq l-imputat biex jirrapporta mingħajr dewmien li l-indirizz tal-lok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment jirrisjedi, ma bagħetx iktar korretta. Dan l-obbligu huwa impost mill-

[45] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Matthew Vella – deciza 6.6.2020.l-QOrti

Artikolu 20 tal-Kap. 258, liema Artikolu madankollu ma ġiex ċitat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju. Għalhekk, peress li l-Artikolu 5 ma jimponi l-ebda obbligu fuq l-imputat u l-Artikolu 9 ġie malament ċitat, l-istess imputat ma jistax jinstab ħati għall-fini tal-Artikolu 24 tal-Kap. 258 li naqas milli jħares waħda mid-dispożizzjonijiet tal-istess Kap. 258 u għandu jiġi liberat mill-imputazzjoni numru sbatax.

Ikkunsidrat;

Il-fedina penali tal-imputat għad illi mhux waħda kompletament netta, m'hijiex oneruża jew refrattarja. Madanakollu l-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi l-imputat wera stmerrija u nuqqas assolut ta' rispett lejn l-uffiċjali tal-Pulizija li ma kienu qed jagħmlu xejn għajr iwettqu kif mistenni s-servizz pubbliku u d-dmirijiet leġittimi tagħhom, inkluż li jipproteġu lill-pubbliku minn riskju ta' ħsara minħabba s-sewqan perikoluż tal-imputat. Il-Qorti tiddeplora kull att ta' sfida *multo magis* vjolenza ta' kull xorta fil-konfront tal-forzi dixxipplinati ta' pajjiżna li jwettqu rwol daqshekk fondamentali fil-protezzjoni tas-soċjeta' kollha u sabiex jiġi assigurat id-dixxiplina u ordni li tant hemm bżonnhom fis-soċjeta' mqanqla tal-lum. Għalhekk il-Qorti tqis li għandha tqis bl-iktar gravita' kull att jew turija ta' diżrispett lejn uffiċjali tal-Pulizija, meta tiġi biex teroga l-piena għar-reati ta' inġurji u vjolenza kontrihom.

Ġie stabbilit abbundantement mill-provi li fiċ-ċirkostanzi deskritti fix-xhieda tad-diversi uffiċjali tal-Pulizija li xehdu quddiem il-Qorti, l-arrest tal-imputat ġie mwettaq leġittimament u għal raġunijiet ġustifikati u ma rravviżat xejn minn dak l-atteġġjament infeliċi li ġie msemmi mill-abbli avukat difensur fit-trattazzjoni finali. Għalkemm il-Qorti tapprezza li l-imputat seta' ħassu umiljat meta l-Pulizija ressqu biex jarrestawh fit-triq, ċioe' fil-pubbliku, u pprotesta kontra l-arrest tiegħu għaliex forsi dak il-ħin huwa ma setax jifhem għalfejn kien qed jiġi arrestat, ma kienx ġustifikat li jkompli jaġixxi aggressivament u b'mod inkontrollabbli fil-karozza tal-Pulizija - jagħti bis-sieq, jobżoq, jsabbat wiċċu mal-ħġieġa u jigdem lil PC 840 - meta kien ġia' arrestat u qed jiġi eskortat lejn l-Għassa, anke jekk għamel dan bil-ħsieb li jkompli jipprotesta

kontra l-arrest tiegħu. Dan l-aġir huwa eċċessiv, gravi u kundannabbli u jmur ferm lil hinn mill-*animus protestandi* u mill-paniku u umiljazzjoni li l-imputat xehed li huwa ħass meta kien qed jiġi arrestat, tant illi sarraf f'offiżi ħfief fuq PC 840 kif ukoll fi ħsara fuq l-uniformijiet ta' wħud mill-uffiċjali fil-vettura.

Ħadet ukoll qies tal-fatt illi bejn ir-reati li ġew addebitati fit-tieni u t-tielet imputazzjoni, kommessi fil-konfront ta' PC 840 Roderick Joseph Psaila, isib riskontru l-prinċipju ta' konkorrenza formali ta' reati u pieni stante illi l-istess att ta lok għall-ksur ta' żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi u konsegwentement għanda tapplika biss il-piena għar-reat l-iktar gravi ċioe' r-reat taħt l-Artikolu 96 tal-Kap. 9. Hawnhekk il-Qorti ħadet qies tal-emendi fil-piena għar-reat taħt l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 u kkostatat illi fiż-żmien meta ġie kommess dan ir-reat, il-piena applikabbli kienet priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa. Ħadet qies ukoll tal-piena għar-reat taħt l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 qabel l-emendi li saru bis-saħħa tal-Att XIV tal-2017.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati l-imputazzjonijiet bin-numru tnejn, ħamsa, sitta, tmienja, disgħa, ħdax, erbatax, ħmistax u sbatax, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 95, 96, 221(1), 222(1)(ċ), 338(bb), 338(ee), 339(1)(e) u 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 75 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Avviż Legali 128 tal-1994), issib lil DAVID JOHN CALLEJA ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba', l-għaxar, it-tnax, it-tlettax u s-sittax l-imputazzjonijiet u tikkundannah tmien (8) xhur priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien tmintax (18)-il xahar, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tikkundannah ukoll multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) liema multa għandha tiġi mħallsa fi żmien sitt (6) xhur.**

**Bl-applikazzjoni u għall-fini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati biex iħallas lill-Kummissarju tal-Pulizija s-somma ta' disgħa u sittin Euro u sebgħin ċenteżmu (€69.70), ċioe' l-ammont li qed jiġi stabbilit bħala kumpens għall-ħsara soffert minnu bħala riżultat tat-twettiq tar-reat taħt l-Artikolu 325(1)(ċ) tal-istess Kapitolu 9, u dan fi żmien xahar mil-lum.**

**Ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28H(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija jew jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu mad-direttiva għall-ħlas tal-kumpens stabbilit.**

**Għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati, DAVID JOHN CALLEJA, iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma totali ta' elf tmien mija u disgħa u sebgħin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€1,879.88)[46], rappreżentanti l-ispejjeż li tħallsu lill-esperti li ġew maħtura bħala periti fil-proċeduri u dan fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.**

**Għall-fini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda torbot lill-ħati DAVID JOHN CALLEJA b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu sabiex iżomm il-paċi u ma jimmolestax lil PC 840 Roderick Joseph Psaila, WPS 215 Valerie Farrugia u PC 729 Kevin Decelis u dan taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000), għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**Għall-fini tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-iskwalifika tal-ħati DAVID JOHN CALLEJA milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien tmint (8) ijiem.**

[46] €448.96 Dok. VC (ippreżentat minn Vincent Ciliberti fid-19 ta' Novembru 2014); €298.12 Dok. SFS (ippreżentat minn Dr. Steven Farrugia Sacco fit-13 ta' Ottubru 2015) u €1132.80 Dok. MC1 (ippreżentat minn Dr. Marisa Cassar fl-1 ta' Novembru 2018).

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti, anke għall-fini ta' dak maħsub fl-Artikolu 28A(8) tal-Kap. 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**